Ref Nru: 43

Il-minuti tat-tlieta erbghin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 8 ta' Lulju 2011, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg. |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri. |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg.<br>Victor Grech.<br>Jesmond Borg. |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-wiehed u tat-tnejn u erbghin laqghat.**

2.1 Peress li l-minuti tal-wiehed u tat-tnejn u erbghin laqghat tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Ghazla ta' l-offerti ghall-provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar, kiri ta' l-ingeni u tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix.**

3.1 Ghazla ta' l-offerta ghall-provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid.

3.2 Ghall-offerta ghall-provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid li nharget ghal pubbliku, ngabar sett wiehed tad-dokumenti ghal din l-offerta u giet sottomessi offerta wahda minghand Salvu Camilleri and Sons Ltd. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar l-Erbgha 18 ta' Mejju 2011 f'nofs in-nhar fil-prezensa tal-Vici Sindku Dr Raymond Xerri, l-Kunsillier Paul Buttigieg, l-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti u wara dan l-Kunsill unanimament iddecida li jaccetta l-offerta ta' Salvu Camilleri and Sons Ltd.

3.3 Ghazla ta’ l-offerta ghall-provvista ta’ ramel u zrar.

3.4 Ghall-offerta ghall-provvista ta’ ramel u zrar li nharget ghal pubbliku, ngabru zewg settijiet tad-dokumenti ghal din l-offerta u giet sottomessi offerta wahda minghand Salvu Mintoff and Sons Ltd. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar l-Erbgha 18 ta’ Mejju 2011 f’nofs in-nhar fil-prezensa tal-Vici Sindku Dr Raymond Xerri, l-Kunsillier Paul Buttigieg, l-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f’skeda ta’ l-offerti li giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti u wara dan l-Kunsill unanimament iddecida li jaccetta l-offerta ta’ Salvu Mintoff and Sons Ltd.

3.5 Ghazla ta’ l-offerta ghall-kiri ta’ l-ingenji.

3.6 Ghall-offerta ghall-kiri ta’ l-ingenji li nharget ghal pubbliku, ngabru tlett settijiet tad-dokumenti ghal din l-offerta u gew sottomessi zewg offerti minghand Peter Paul Said li joqghod ‘May Flower’, Triq l-Isqof Buttigieg, Nadur u Mark Camilleri li joqghod ‘Crystal’, Triq il-Papa Piju XII, Qala. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar l-Erbgha 18 ta’ Mejju 2011 f’nofs in-nhar fil-prezensa tal-Vici Sindku Dr Raymond Xerri, l-Kunsillier Paul Buttigieg, l-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f’skeda ta’ l-offerti li giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti u wara dan l-Kunsill unanimament iddecida li jaghzel l-offerta ta’ Peter Paul Said ghal *items* bin-numri 01, 02, 05, 06, 07, 08 u 10 u Mark Camilleri ghal *items* 03, 04, 09 u 11.

3.7 Ghazla ta’ l-offerta u tiknis u tindif ta’ toroq u qtuh ta’ haxix.

3.8 Ghall-offerta ghat-tiknis u tindif ta’ toroq u qtuh ta’ haxix li nharget ghal pubbliku, ngabar sett wiehed tad-dokumenti ghal din l-offerta u giet sottomessi offerta wahda minghand Anthony Cutajar li joqghod 83, Triq il-Wardija, Qala. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar l-Erbgha 18 ta’ Mejju 2011 f’nofs in-nhar fil-prezensa tal-Vici Sindku Dr Raymond Xerri, l-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f’skeda ta’ l-offerti li giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti u wara dan l-Kunsill unanimament iddecida li jaccetta l-offerta ta’ Anthony Cutajar.

## 4 Inawgurazzjoni tal-*picnic area* li hija parti mill-progett ta’ gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta’ Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-inwgurazzjoni tal-*picnic area* li hija parti mill-progett ta’ gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta’ Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala li saret nhar il-Gimgha 10 ta’ Gunju 2011 u li marret tajjeb hafna.

QALA

## 5 Tkomplija tax-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin – L-ahhar zviluppi.

5.1 Is-Sindku semma li x-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin mixi b'ritmu tajjeb hafna. Huwa semma wkoll li l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghaddiet ammont sostanzjali ta' fondi (l-*planning gains*) lil Din l-Art Helwa.

## 6 Xoghol u inawgurazzjoni tas-sala tal-kommunita` fic-Centru Civiku Qala.

6.1 Is-Sindku semma ghaddu ghaddej ix-xoghol fuq is-sala tal-kommunita` fic-Centru Civiku Qala. Huwa ppropona li din is-sala ghandha tigi inawguratha fil-bidu ta' Settembru 2011 biex b'hekk tkun tista` tintuza ghall-konferenza tal-*Qala International Folk Festival 2011*. Huwa ssuggerixxa li din is-sala ghandha tigi inawguratha mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika l-Onorevoli Dr Chris Said. Giet trattata korrispondenza datati 18 t'April 2011, 2 ta' Mejju 2011 u s-27 ta' Mejju 2011 dwar it-trasferiment tal-fondi ta' €25,000 li l-Kunsill kien nghata ghal Muzew Folkloristiku sabiex issa jintuzaw ghas-sala tal-kommunita`.

## 7 Xogholijiet ta' *resurfacing* bit-tarmak fi Triq is-Salib, Triq Santa Marija tal-Qala, Triq tac-Cawl u Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella.

7.1 Is-Sindku semma li nghata bidu ghax-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak fi Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala. Huwa semma li kien hemm problema fuq il-*main* ta' l-ilma ta' dawn it-toroq imma issa din il-problema giet solvuta. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Andrew Vella fid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn gie mitlub jekk certu *areas* li jinsabu f'dawn it-toroq humiex tal-Gvern jew tal-privat. Il-Kunsill nghata kopja ta' kuntratt ta' dik il-persuna li wahda minn dawn l-*area's* nstabet li hija taghha. Is-Sindku semma li illum nghata bidu ghax-xoghol fuq Triq tac-Cawl, xoghol li qed isir mill-Ministeru ghal Ghawdex. Huwa semma li waqa` xi hajt izda dan ser jinbena mill-gdid. Huwa semma li ser isir xoghol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella u li l-*main* ta' l-ilma ser jinbidel ukoll.

## 8 Xogholijiet fuq bini li jinsab fi Triq it-28 t'April 1688 li ser jigi konvertit f'Muzew Folkloristiku - Skema Eko Ghawdex.

8.1 Is-Sindku semma li qeghdin isiru x-xogholjiet fuq il-bini li jinsab fi Triq it-28 t'April 1688 li ser jigi konvertit t'Muzew Folkloristiku. Huwa ta spejgazzjoni ta' dak li qed isir. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Janice Camilleri *Senior Project Administrator*, *Eco-Gozo Regional Development Directorate* fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex minhabba d-*double funding* li ser ikollu l-Kunsill ghal Progett tal-Muzew Folkloristiku peress li ser jinghata fondi mill-Eko Ghawdex kif ukoll fondi mill-mizuri 313 EAFRD. Is-Sindku semma li ser isir dak mehtieg sabiex il-fondi li ser jinghataw ghal mizuri 313 jigu trasferiti sabiex isiru xogholijiet ohra.

**9 Il-gazzetta tal-Kunsill Serje C, harga numru 11.**

9.1 Is-Sindku semma li bhalissa qed tigi ppreparata l-gazzetta tal-Kunsill Serje C, harga numru 11.

**10 Gbir ta' l-iskart domestiku u separat – bdil tal-granet u hinijiet.**

10.1 Is-Sindku semma li sar bdil fil-granet u l-hinijiet tal-gbir ta' l-iskart domestiku u separat. Il-gbir ta' l-iskart domestiku ser ikun kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha, l-Hamis, il-Gimgha u s-Sibt mis-7:00 ta' filghodu 'l quddiem filwaqt li l-gbir ta' l-iskart separat ser ikun kull nhar ta' Tlieta mis-7:00 ta' filghodu 'l quddiem. Gie ppreparat avviz dwar dan li tqassam f'kull dar fil-lokalita` tal-Qala. Kien hemm ftit problemi ghal bidu li nbdiet is-sistema u ghalhekk gew kkuntatjati il-kuntrattur tal-KIP sabiex jigu solvuti.

**11 Il-festa ta' San Guzepp 2011.**

11.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill bhas-soltu huwa responsabbli mit-tindif generali waqt u wara li jsir il-festa ta' San Guzepp kif ukoll dwar l-allokazzjoni tal-*mobile kiosks*. Dwar l-indafa ser jigu mqabbda xi haddiema sabiex jghinu lill-kennies tal-Kunsill kif ukoll ser jingabu xi *open skips* fil-*ground* tal-*football* sabiex l-iskart li jingabar jintefa fihom. Dwar il-*mobile kiosks*, iz-zghar ser jitqeghdu fi triq fin-naha tal-lemin tal-Knisja filwaqt li l-kbar ser jitqeghdu fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Saru zewg talbiet mill-Ghaqda Piroteknika San Guzepp u mill-Ghaqda Briju San Guzepp Qala sabiex jigu organizzati attivitajiet inkonnessjoni mal-festa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

**12 Hondoq ir-Rummien - preparazzjoni ghas-sajf.**

12.1 Saru x-xogholijiet ta' manutenzjoni f'Hondoq ir-Rummien bhala preparazzjoni ghas-sajf.

**13 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjonijiet 313 u 323 fejn wasalna.**

13.1 Is-Sindku semma li ser jinghata bidu ghax-xoghol ta' thammil tar-raba' fil-parti ta' fuq tal-*ground* tal-*football* bhala parti minn gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr, Qala inkonnessjoni mal-mizura 323 *European Agriculture Funds for Rural Development*. Is-Sindku semma li qeghdin fil-process sabiex tinhareg sejha ghall-offerti ghal servizz ta' *Projects Manager* sabiex jiehu hsieb il-progett tal-mizura 313. Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill gazzetti lokali dwar l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni 313. Gew trattati wkoll zewg *Project Progress Reports* tal-mizura 323, wiehed ghal perjodu April – Gunju 2011 u l-iehor ghal perjodu Lulju – Settembru 2011.

**14 *Qala International Folk Festival 2011*.**

14.1 Is-Sindku semma li s-sitt edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival* ser isir bejn il-15 u it-18 ta' Settembru 2011. Din is-sena ser jingabu tliet gruppi folkloristici barranin minflok tnejn. Huwa ta spejgazzjoni tal-programm.

**15 Sejha ghall-offerti ghal provvista u installazzjoni ta' bandla fi 'Gnien il-Familja', provvista u installazzjoni ta' *photovoltaic panels* fuq il-bejt ta' l-ufficju tal-Kunsill u servizz ta' *projects manager* ghall-progett ta' l-EAFRD 313.**

15.1 Ser tinhareg sejha ghall-offerti ghal provvista u installazzjoni ta' bandla fi 'Gnien il-Familja', provvista u installazzjoni ta' *photovoltaic panels* fuq il-bejt ta' l-ufficju tal-Kunsill u servizz ta' *projects manager* ghall-progett ta' l-EAFRD 313.

**16 Materji ohra.**

16.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill inghata xi *spectators seats* b'xejn mill-*Malta Football Association* izda mhumiex ser jigu installati fis-*semi arena* li tinsab fi Gnien il-Familja peress li jistonaw ma l-*area* ta' madwar.

16.2 Is-Sindku semma li nhar l-Erbgha 13 ta' Lulju 2011 fil-11:00 ta' filghodu ser isir laqgha ma ufficjali tat-Trasport Malta dwar it-*Traffic Impact Statement* fuq il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien.

16.3 Il-Vici Sindku Dr Raymond Xerri semma li huwa gie avvicinat minn Artist Mario Cassar dwar pittura tal-President Anton Buttigieg li jixtieq jirregolah lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

16.4 Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar il-*launching* tal-pubblikazzjoni '*Trades and Crafts in the Maltese Islands*'.

16.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Ruben Said *Manager* fit-Trasport ta' Malta, Ghawdex dwar proposta ghal *double yellow lines* fi Pjazza San Guzepp.

16.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materjal li qed jintrema f'ghalqa li tinsab fi Triq Wied Simar. Ic-*Chairman* ghadda l-kaz ghand il-Perit Alexander Borg Direttur ta' l-Infurzar. Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-Perit Alexander Borg fejn informa lill Kunsill li nharget *enforcement notice* u li l-pulizija u l-MRA gew involuti wkoll mill-ufficcjali ta' l-infurzar.

16.7 Is-Sindku semma li harget *project proposal* taht il-LIFE+ u li jidher li huwa progett interessanti hafna. Din l-applikazzjoni tista` jsir ma Kunsilli Lokali ohra. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Aldo Formosa fil-MEUSAC fejn gie informat li l-Kunsill huwa interessat basta jkun hemm Kunsill Lokali ohra li jiehdu sehem. Giet trattata wkoll

korrispondenza dwar din il-materja li saret bejn Aldo Formosa mill-MEUSAC u Ian Bajada Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun t'Ghawdex datati it-23, l-24 u t-28 ta' Gunju 2011.

16.8 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li l-bank li hemm fejn il-vit l-antik fi Triq is-Salib kantuniera ma Triq Santa Marija tal-Qala huwa mkisser. Il-Kunsill iddecida li dan ghandu jinbidel.

16.9 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li huwa qatt ma qabel li ghandu jintghazel Brian Cutajar ghal vakanza ta' skrivan peress li huwa pprefera lil haddiehor u xtaq li jsir korrezzjoni tal-minuti. Wara diskussjoni s-Sindku Paul Buttigieg qal li meta giet diskussa din il-materja kien jidher li fuq id-decizjoni mehuda kien hemm qbil unanimu u dan kien konfirmat mill-Kunsillieri prezenti. Il-Kunsillier Jesmond Borg baqa isostni li hu ma qabilx mad-decizjoni mehuda u ried li titnizzel fil-minuti tal-laqgha.

16.10 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill, mill-15 t' April 2011 sat-8 ta' Lulju 2011, minn referenza numru 42/11 sa referenza numru 66/11.

16.11 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 02/2011. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

## 17 Korrispondenza.

17.1 Gew trattati l-ittri u notifiki t'avviz li gejjien:

17.2 Ittra mibghuta mid-Direttur Carmel Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal *memo* 9/2011 skema ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabbilita` ta' Librerija Lokali, fejn il-Kunsill gie informat li ser jinghata l-ammont ta' €466.

17.3 Ittra mibghuta minn Ing,. Ray Piscopo *Director Corporate Services* fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar *statement of funds* sa l-ahhar ta' Marzu 2011.

17.4 Ittra mibghuta mis-Segretarju Joseph Muscat mill-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal Ghawdex, datata 2 ta' Gunju 2011, dwar Triq gdida fi Triq Wied Simar sabiex tinghata l-isem Trejqa ta' Hatar.

17.5 Ittra minghand Ramona Portelli ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art fi Triq it-28 t'April 1688, Qala.

17.6 Ittra mibghuta minn Krista Caruana ghat-*Team* tal-Produzzjoni *Sound Vision Print*, dwar il-programm 'Konfini mill-Pjazza' – Opportunita` lill-Kunsilli Lokali.

17.7 Ittra mibghuta minn Maria Theresa Portelli *PR and Communications Officer* minn *National Commission for the Promotion of Equality*, dwar *leaflets* u *brochures* li huma jixtiequ jqassmu fl-ufficini tal-Kunsill ghal pubbliku.

17.8 Ittra mibghuta minn Georgia Tabone *Chairperson tal-Physcially Handicapped Rehabilitation Fund*, dwar talba ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex jinbidel it-*transport fleet*.

17.9 Ittra mibghuta minn Daniela Spiteri mill-Fondazzjoni OASI, dwar ic-Cerimonija Nazzjonali ta' Zghazugh/a tas-Sena.

17.10 Notifiki t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard ghad-Direttur ta' l-Infurzar fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenzi ECF 00159/11, ECF 00231/11 u ECF 00310/11 fejn b'dawn l-istess notifiki nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` hargiet Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dawn qed jigu annessi ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

17.11 Kopja ta' ittra li l-Avukat tal-Kunsill Dr Joseph Grech bghat f'isem il-Kunsill lil Joseph Gauci ta' 'Island View', Fl 2, Triq l-Ixpurnara, Ghajnsielem bhala risposta ghall-ittra tas-Sur Gauci datata 5 ta' Marzu 2011 dwar l-ilment ta' tqattieh ta' *tyres* tal-karozzi ma hadid li hemm ma bankini fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg.

17.12 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca *Audit Manager* minn *National Audit Office* fejn anness ma din l-ittra ntbghat kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* kif ukoll il-*management letter* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2010.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 1 ta' Settembru 2011.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |